Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 12**

**Data:** Il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Attendew Online**
Chev Paul Farrugia – Viċi President

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**12.1 Ittri ta' apoloġiji**

12.1.1 Il-President ressaq it-talba tas-Sur Charles Bonello u Dr. Samuel Azzopardi sabiex ikunu skużati minħabba impennji oħra. ~~tal-Kunsill Lokali Paola~~. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv approva li is-Sur Bonello u Dr. Azzopardi jitniżlu bħala skużati.

**12.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 11**

12.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

12.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**12.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 12**

12.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Clifford Galea, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Novembru 2022 u 22 ta' Diċembru 2022 li kienet tammonta għall-€133,342.35.

**12.3 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **12.3.1 Social Impact Assessment** | Il-President semma li l-AKL kienet qed taħdem fuq verżjoni draft ta' din is-sejħa biex taddieħ lir-Reġjuni li kienu interessati. |
| **12.3.2 Laqgħa mal-ERA rigward skart** | Il-President semma li kienet inżammet laqgħa mal-ERA kif ukoll id-Diviżjoni fil-preżenza tar-Reġjuni. Semma li s-suġġett kien rigward l-iskart. |
| **12.3.3 Skart Organiku minn stabbilimenti tal-ikel** | Il-President semma li dan il-proġett kien reġa' beda imma issa kien fuq tliet ijiem: Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt bejn 1am u 5am. Semma li dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent. Is-Sur Aquilina semma li issa wieħed irid joqgħod attent peress li l-liġi ma taffiljax ma' resturanti imma issemi biss iż-żoni turistiċi li fihom jinstabu dawn il-ħwienet. Semma wkoll li l-liġi ma tistabbilixix liema tip ta' ħwienet jaqgħu taħt il-kummerċjal. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Is-Sur clifford Galea semma li l-akbar problema hija meta jinġabar il-ħġieġ fl-istess ġurnata mal-iskart organiku u mhux ma' l-iskart riċiklabbli. Dan għaliex ser ikun hemm ħafna li jħallu kaxxi tal-kartun jiġru fit-toroq.

**12.3.4 Post vakant COR**

Il-President semma li kien hemm konferma min-naħa ta' Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-post vakant fid-delegazzjoni Maltija huwa ta' wieħed.

## 12.4 Komunikazzjoni mill-President

**12.4.1 Approvazzjoni ta' leave tal-impjegati trasferit għas-sena 2023**

Il-President semma li l-impjegati tal-Assoċjazzjoni kien fadlilhom xi siegħat ta' leave li ma utiliżawx fis-sena 2022 u għaldaqstant talbu li dan ikun trasferut għas-sena 2023. Il-President semma li peress li dawn is-sigħat huma fil-parametri ta' dawk is-siegħat indikati fil-ftehim kollettiv, il-President propona li dawn it-talbiet jiġu milqgħuha. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva dawn it-talbiet.

**12.4.2 Psychometric Assessments**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem mal-MISCO sabiex jitfasslu set ta' pasychometric tests għall-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni. L-iskop huwa li wieħed janalizza l-kompetenzi tal-ħaddiema u jaħdem fuq dawk l-oqsma li fuqhom irrid itejjeb. Wara li jsiru dawn it-testijiet u jiġu anki diskussi mal-impjegati ser ikun qed jitħejja pjan ta' taħriġ għall-ħaddiema.

**12.4.3 CEMR – Policymaking Meeting**

Il-President semma li s-Sur clifford Galea irrappreżenta lill-Assoċjazzjoni u anki lir-Reġjun Tramuntana waqt Policy meeting organizzat ġewwa Pariġi mis-CEMR.

**12.4.4 European Local Democracy Week**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna ġewwa Strasburgu sabiex tattendi għall-European Local Democracy Week. Dan wara li l-AKL ħadet sehem għall-ewwel darba f' Ottubru tas-sena 2022 billi organizzat l-ewwel attivita' tal-ELDW ġewwa Malta.

**12.4.5 RESILOC – Proġett**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet wriet interess li tipparteċipa f' dan il-proġett.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**12.4.6 Delegazzjoni mill-Estonja**

Il-President semma li mit-2 ta' Diċembru sa 7 ta' Diċembru 2022, f' Malta kien hawn delegazzjoni mill-Estonja. Semma li l-AKL kienet assistiet fil-program fejn fost oħrajn żaru proġetti li jippromovu ekonomija ċirkulari u anki siti kulturali u storiċi.

**12.4.7 EEA Grants**

Il-President semma li l-attivitajiet u l-inizjativi li għalihom l-AKL ibbenifikat mill-PD3 Funds fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, kienu tlestew kollha kif pjanat.

**12.4.8 Delegazzjoni Nepal**

Il-President semma li l-AKL kienet avviċinata minn delegazzjoni tal-Gvern Lokali ġewwa n-Nepal sabiex flimkien iħejju programm ta' attivitajiet sabiex id-delegazzjoni iżżur Malta fil-bidu tas-sena 2023.

**12.4.9 Application for ineffectiveness**

Il-President semma li l-AKL kienet irċiviet kopja tal-Application for Ineffectiveness li tliet kuntratturi fetħu fil-konfront tar-Reġjun Punent, Lvant, Għawdex, Tramuntana u anki Nofsinhar. Il-President semma li l-AKL kienet bagħtet lir-Reġjuni sabiex jibgħatu mandat sabiex l-AKL tkun tista' tikkummissjoni avukat sabiex jirrappreżenta lil dawk li kienu interessati. Semma li PCRB ser jinstema' f' Jannar 2023.

**12.4.10 Mandat ex-Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port (Xlokk)**

Il-President semma li l-mandat sottomess mill-ex Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Port (Xlokk) kien ġie konkluż favur il-Kunsilli Lokali, fejn il-qorti rat li ma kellux jinżamm il-proċess sabiex jiġu ingaġġati Segretarji E'ekuttivi f' Kunsilli Lokali u f' Reġjuni oħrajn.

**12.4.12 Child Partcipation in the Community**

Il-President semma s-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet għal-laqgħa dwar il-parteċipazzjoni ta' tfal fil-komunita' organizzata mill-Kummisarju għat-tfal.

**12.4.13 Taħriġ IPS**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għat-taħriġ kollu organizzat mill-IPS – Entry to Senior Management. Semma li l-IPS għadhom iridu jagħtu d-data saiex isir biss l-aħħar module.

**12.4.14 Ħaddiema RSSL**

Il-President semma li erba' ħaddiema tal-RSSL (ex-Airmalta) kienu ġew assenjati mad-Diviżjoni għal-Gvern Lokali. Il-President semma li minħabba nuqqas ta' impjegati mat-Tribunal Xlokk dawn l-impjegati ġew assenjati hemmehkk. Semma li wara diskussjoni kemm mas-Sur Lawrence Mizzi kif ukoll mas-Sa. Liz Vassallo kien konkluż li jiġi mfassal taħriġ

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | strutturat għal dawn il-ħaddiema u għall-ħaddiema li diġa kienu assenjati mat-Tribunal Xlokk. |
| **12.4.15 Tender AEDs** | Il-President semma li l-AKL kienet ser toħroġ is-sejħa għall-AEDs abbażi tal-ammonti li kienet ħarġet fl-ewwel sejħa. |
| **12.4.16 Richmond Foundation** | Il-President semma li nhar 14 ta' Diċembru kien sar teambuilding b' differenza, li ġie organizzat ġewwa l-Kitchen Gardens. Semma li l-AKL ser tkun qed tati taħriġ tal-Mental First Aid b' kollaborazzjoni ma' Richmon Foundation. |
| **12.4.17 Health Policy** | Il-President semma li kienu intbgħatu ċ-ċirkulari sabiex il-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni jirreġistraw għall-polza tal-assigurazzjoni. Semma li l-AKL kienet ser tkopri lill-impjegati tagħha bil-hospital scheme policy. |
| **12.4.18 PISTE** | Il-President semma li l-AKL kienet ġiet avviċinata sabiex tipparteċipa fil-proġett PISTE li jitratta fuq l-imigranti. |
| **12.4.18 Donazzjonaijiet miġbura waqt attivitajiet** | Il-President semma li waqt l-attivitajiet organizzati mill-AKL fix-xhar tal-Milied, waqt il-Gala Night inġabru fondi għall-MCCF kif ukoll waqt il-festin ta' tfal inġabru fondi għal Dr. Klown. Il-President semma wkoll li l-AKL qed tirrikonċilja d-donazzjonijiet ukoll miġbura waqt il-Fun Run mill-Kunsilli Lokali. Il-President semma li dawn ic-cekkijiet ser ikunu preparati ma' l-iskeda tal-pagamenti ta' Jannar 2023. |
| **12.4.19 Chief Executive Officer – Delegazzjoni Kumitat tar-Reġjuni/ COE** | Il-President semma li l-kuntratt ta' servizz mal-kuntrattur kien ġie ffirmat u s-servizz kellu jibda minn Jannar 2023. |
| **12.4.20 Kont ta' data download** | Il-President semma li waqt li s-Segretarju Eżekuttiv kien fuq safar relatat ma' xogħol ġewwa Serbia, Vienna u darbtejn Brussel, hija kienet mitluba li tkompli tagħmel xogħol ta' Assoċjazzjoni u anki tar-Reġjun Port, saħansitra li ġewwa s-Serbia hija kellha tuża id-data tal-mobile biex tkun tista' taċċessa rapporti u emails minn fuq il-laptop. Il-President semma li ta' dan kellha tħallas peress li dan il-pajjiż huwa barra miż-żona tal-UE. Il-President preżenta l-kont li tħallas mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

approva li dan għandu jitħallas. Semmew ukoll li għandha wkoll tinġib mill-ewwel kjarifika mill-Uffiċju tal-Awditjar.

**12.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni Business Plan 2023-2026**

12.5.1 Il-President preżenta il-Business Plan għas-sena 2023 - 2026 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv.

12.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

**12.6 Performance Appraisals Ħaddiema AKL għas-sena 2022**

12.6.1 Il-President preżenta l-performance appraisals tal-ħaddiema klerikali tal-AKL wara li dawn kienu diskussi kemm mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll maqbulha u ffirmati anki mill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni.

12.6.2 Il-President semma li il-persentaġġi li nagħtaw jirriflettu l-ħidma u l-attitudni tal-impjegati waqt il-ħin tax-xogħol.

12.6.3 Is-Sur Aquilna semma li wieħed għandu jirrikonoxxi l-isforzi ta' dawn il-ħaddiema u rrekomanda li fejn ingħata l-inqas persentaġġ għandu jogħola daqsxejn.

12.6.4 Il-President semma li r-rapporti preżentati kienu diskussi mal-ħaddiema u anki approvati minnhom stess. Għaldaqstant, huwa ppropona li r-rapporti jiġu approvati kif preżentati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapporti.

12.6.5 Il-President propona li minkejja l-ħaddiema taħt l-iskema ta' CIES kif ukoll il-ħaddiema non-klerikali tal-Assoċjazzjoni ma japplikaz għalihom il-performance bonus, bħal snin preċidenti jiġi approvat ukoll il-performance bonus tagħhom. Dak tal-ħaddiema ta' CIES ta' €285.21 filwaqt tal-ħaddiem fi skala 16 (pro rata minn Lulju) €342.79. Il-President semma li huwa jirrikonoxxi l-isforzi fil-ħidma tagħhom u anki l-kambjament li kien sar fl-imġiba u l-attitudni tagħhom lejn ix-xogħol. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva dan il-bonus għat-tliet ħaddiema.

12.6.6 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iħalli l-laqgħa sabiex ikun diskuss il-Performance Appraisal tas-Segretarju.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

12.6.7 Is-Segretarju intalab jerġa' jidħol għal-laqgħa wara għaxar minuti, fejn kien infurmat li r-rapport kien approvat mill-Membri tal-Eżekuttiv hekk kif kien preżentat.

**12.7 Aġġornament**

12.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.13 li nżammet nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**